# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/2132

## tad-29 ta' Novembru 2021

## dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ([1]) ("il-Ftehim") ġie approvat f'isem l-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1075 ([2]) u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2020 ([3]).

(2) L-Artikolu 11(1) tal-Ftehim jipprevedi li jiġi stabbilit Kumitat Konġunt tal-Partijiet għall-funzjonament effettiv tal-Ftehim.

(3) L-Artikolu 11(3) tal-Ftehim ikompli jipprevedi li l-Kumitat Konġunt għandu jfassal u jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

(4) Il-Kummissjoni u l-Amministrazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili taċ-Ċina ikkooperaw għat-tfassil ta' abbozz ta' regoli ta' proċedura.

(5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt, peress li dawn ser jkunu vinkolanti għall-Unjoni. Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ([4]).

2. Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt jistgħu jaqblu ma' tibdiliet minuri fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

([1]) ĠU L 240, 24.7.2020, p. 4.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1075 tas-26 ta' Ġunju 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 240, 24.7.2020, p. 1).
([3]) ĠU L 3, 7.1.2021, p. 3.
([4]) Ara d-dokument ST 13626/21 fuq http://register.consilium.europa.eu.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Novembru 2021.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
S. KUSTEC